



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5207/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0005(NLE)

UD 4
AELE 3
CH 2

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 11 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera stabbilit mill-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà fir-rigward tal-emenda fil-Kapitolu III u fl-Annessi I u II tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 11 final.

Mehmuż: COM(2021) 11 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2021
COM(2021) 11 final

2021/0005 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt UE-Żvizzera stabbilit mill-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà fir-rigward tal-emenda fil-Kapitolu III u fl-Annessi I u II tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-emendi fil-Kapitolu III u fl-Annessi I u II tal-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà ("il-Ftehim").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-emenda fil-Ftehim dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009 u żgura kemm flussi kummerċjali bla xkiel bejn l-Iżvizzera u l-UE kif ukoll livell għoli ta' sigurtà fil-katina tal-provvista. Il-Ftehim huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-UE u l-Iżvizzera jistabbilixxu u japplikaw għat-trasport ta' oġġetti lejn u minn pajjiżi terzi l-istess miżuri ta' sigurtà u b'hekk jiżguraw livell ekwivalenti ta' sigurtà fil-fruntieri esterni tagħhom. Il-Ftehim jirrinunzja l-obbligu tal-kummerċjanti li jipprovdu lid-dwana b'dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul qabel l-importazzjoni u l-esportazzjoni fil-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera. Sadanittant, fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi, l-Iżvizzera timplimenta miżuri doganali ta' sigurtà ekwivalenti għal dawk fl-UE.

Bħalissa, kull Parti għandha s-sistema tagħha stess għall-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul (fl-UE, din hija s-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni (ICS)) iżda ma hemm l-ebda pont bejn iż-żewġ sistemi.

Mill-2016, il-Kummissjoni wettqet diskussjonijiet preliminari bil-ħsieb li taggħorna l-leġislazzjoni tal-Ftehim u tintegra l-parteċipazzjoni futura tal-Iżvizzera fil-programm doganali l-ġdid tal-UE għas-sigurtà u s-sikurezza qabel il-wasla, is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (ICS2), li hija sistema ċentralizzata.

Barra minn hekk, il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) ppreveda l-miżuri inklużi fil-proġett il-ġdid tal-ICS2 li se jbiddu sostanzjalment l-operazzjonijiet doganali tal-merkanzija bil-quddiem għall-oġġetti li jidħlu fl-UE u l-qafas komuni ġenerali ta' ġestjoni tar-riskju. Il-programm il-ġdid se jimmudella mill-ġdid il-proċess eżistenti f'termini ta' ġestjoni tar-riskju/kontrolli doganali, legali u tal-IT u mill-perspettivi operazzjonali kummerċjali. Huwa se jiġbor *data* dwar l-oġġetti kollha li jidħlu fl-UE qabel il-wasla tagħhom. L-Operaturi Ekonomiċi (EOs) se jkollhom jiddikjaraw id-*data* ta' sikurezza u sigurtà lill-ICS2, permezz tad-Dikjarazzjoni fil-Qosor tad-Dħul (ENS). L-obbligu li dawn id-dikjarazzjonijiet jibdew jiġu ppreżentati mhux se jkun l-istess għall-EOs kollha. Dan se jiddependi fuq it-tip ta' servizzi li dawn jipprovdu fil-moviment internazzjonali tal-oġġetti u huwa marbut mat-tliet dati tal-ħruġ tal-ICS2 (il-15 ta' Marzu 2021, l-1 ta' Marzu 2023, u l-1 ta' Marzu 2024). L-informazzjoni dwar l-oġġetti u l-analiżi tar-riskju bil-quddiem se jippermettu identifikazzjoni bikrija tat-theddid u se jgħinu lill-awtoritajiet doganali jintervjenu fl-aktar punt xieraq fil-katina tal-provvista.

L-ICS2, għalhekk, tirrappreżenta strument doganali essenzjali tal-UE għat-titjib tal-ġestjoni tal-kontrolli ta' sigurtà u sikurezza fil-fruntieri mad-dħul, u tappoġġa l-programm doganali tal-UE għas-sigurtà u s-sikurezza qabel il-wasla. Sabiex jinżamm l-istess livell ta' sigurtà fil-fruntieri esterni, l-Iżvizzera qablet li tingħaqad mal-proġett tal-ICS2 u li tkun operazzjonali sal-bidu tal-ewwel ħarġa tal-ICS fil-15 ta' Marzu 2021. Dawn id-dispożizzjonijiet se

japplikaw ukoll b'mod ekwivalenti mal-emendi simili fil-ftehim dwar is-sigurtà doganali bejn l-UE u ż-ŻEE, li huwa applikabbli għan-Norveġja biss.

L-emendi proposti fil-Ftehim huma r-riżultat ta' negozjati li bdew f'Novembru 2019 u li ntemmu f'Ottubru 2020 bejn l-UE u l-Iżvizzera u n-Norveġja. L-emendi fil-Kapitolu III tal-Ftehim huma maħsuba biex iqisu wkoll l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE fil-qasam tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-analiżi tar-riskju. Dan se jiżgura livell ekwivalenti ta' sigurtà fil-fruntieri esterni u se jtejjeb is-sigurtà u s-sikurezza taż-żona ta' sigurtà komuni.

Il-Ftehim se jinkludi wkoll arranġament ta' finanzjament (it-Titolu III tal-Anness I), li jkopri l-kostijiet tal-iżvilupp u l-użu operazzjonali tal-ICS2 mill-Iżvizzera u d-dettalji funzjonali tal-ICS2, li huma esposti fl-arranġamenti tekniċi (it-Titolu II tal-Anness I).

Fl-aħħar nett, dwar il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni tad-data u t-trasferimenti tad-data għandhom jikkonformaw mal-liġijiet tal-Parti Kontraenti trasferenti, jiġifieri fil-każ ta' trasferimenti mill-UE, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

2.2. Il-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera

Il-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera huwa stabbilit bl-Artikolu 19 tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jaġixxi bi ftehim reċiproku, li jirrappreżenta lil kull Parti Kontraenti.

Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' tal-anqas darba fis-sena u hija r-responsabbiltà tal-Kumitat Konġunt li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Għal dak il-għan, dan jista' wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet bħal Deċiżjoni biex jiġi emendat il-Kapitolu III u l-Annessi, li mbagħad jiġu implimentati mill-Partijiet Kontraenti skont ir-regoli tagħhom stess.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Fil-laqgħa tiegħu li jmiss jew permezz ta' skambju ta' ittri, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni rigward l-emenda fil-Ftehim ("l-att previst").

L-iskop tal-att previst huwa li jiġi żgurat l-ogħla standard ta' sigurtà u kontroll għall-oġġetti li jaqsmu l-fruntieri u li jidħlu fit-territorji doganali tal-UE u tal-Iżvizzera.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Ftehim, li jipprevedi li: *"1. Il-Kumitat Konġunt hu responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni korretta ta' dan il-Ftehim. Għal dan l-għan, hu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet. 2. Permezz tad-deċiżjonijiet tiegħu, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Kapitolu III u l-Annessi."*

Skont l-Artikolu 22.4 tal-Ftehim, jekk id-deċiżjoni ma tistax tiġi adottata għal din l-implimentazzjoni simultanja, l-emendi previsti fl-abbozz tad-deċiżjoni mressaq għall-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għandhom jiġu implimentati b'mod proviżorju.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Ħarsa ġenerali lejn il-Ftehim attwali

Il-Ftehim tal-2009 jenfasizza r-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali speċjali bejn l-UE u l-Iżvizzera u l-interess reċiproku qawwi li jeżisti fl-implimentazzjoni ta' miżuri doganali ekwivalenti ta' sigurtà. Dan il-ftehim dwar il-miżuri doganali ta' sigurtà jammonta għal rikonoxximent reċiproku sħiħ bejn l-UE u l-Iżvizzera tal-kontrolli doganali ta' sigurtà u b'hekk għal estensjoni effettiva taż-żona doganali ta' sigurtà tal-UE.

Il-Ftehim huwa bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Atti ta' Implimentazzjoni u ta' Delega li ġejjin:

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447, inkluża l-kolonna rilevanti fl-Anness B;
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2089, li jinkludi r-responsabbiltajiet tal-partijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* u l-kontroll tagħha;
- Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Ħidma;
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446, inkluż il-kolonna rilevanti tal-Anness B.

Sabiex tiżdied is-sigurtà fil-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti, l-UE introduċiet miżuri ġodda fl-2006 imfassla biex jiżguraw standards oġhla fil-kontrolli doganali (IP/06/1821). Dawn jinkludu regoli u termini għall-kummerċjanti dwar it-tressiq ta' informazzjoni dwar l-oġġetti qabel dawn jiġu importati lejn l-UE jew esportati minnha (dikjarazzjonijiet elettroniċi tad-dħul u tal-ħruġ); sistema tal-UE għall-analiżi u l-ġestjoni tar-riskju; u sistema li tiffaċilita l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEOs) tal-UE.

L-UE u l-Iżvizzera qablu wkoll li jaħdmu lejn qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni relatata mar-riskju kif xieraq.

Huwa fil-kuntest tal-iżvilupp ta' qafas komuni bħal dan għal kontrolli doganali mtejba u wara l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali u tal-leġiżlazzjoni tagħha li l-Ftehim ġie emendat. Dan jenħtieġ li jiżgura l-oġhla standard ta' sigurtà u kontroll għall-oġġetti li jaqsmu l-fruntieri u li jidħlu fit-territorji doganali tal-UE u tal-Iżvizzera.

3.2. Emendi proposti għall-Ftehim fil-kuntest tal-parteċipazzjoni Żvizzera fl-ICS2

L-ICS2 hija l-ewwel linja ta' difiża f'termini ta' protezzjoni tas-suq intern u taċ-ċittadini tal-UE. Permezz ta' proċessi mtejba ta' sigurtà doganali xprunati mid-*data*, din tappoġġa kontrolli doganali effettivi bbażati fuq ir-riskju filwaqt li tiffaċilita l-fluss liberu ta' kummerċ leġittimu madwar il-fruntieri esterni kollha tal-UE.

Il-programm se jgħin jistabbilixxi approċċ integrat tal-UE biex jissaħħaħ il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju doganali. Dan huwa riżultat ewlieni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tal-istrateġija ta' ġestjoni tar-riskju doganali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni adottat mill-Kunsill fl-2014 u mal-oġġettivi tal-Kummissjoni ta' Von der Leyen biex l-Unjoni Doganali tittieħed għal-livell li jmiss.

Bħala sistema ta' informazzjoni bil-quddiem dwar l-oġġetti, l-ICS2 se tiġbor *data* dwar l-oġġetti kollha li jidħlu fl-UE qabel il-wasla tagħhom. L-Operaturi Ekonomiċi se jkollhom jiddikjaraw id-*data* dwar is-sikurezza u s-sigurtà lill-ICS2, permezz tal-hekk imsejħa Dikjarazzjoni fil-Qosor tad-Dħul. L-obbligu li dawn id-dikjarazzjonijiet jibdwu jiġu rreġistrati mhux se jkun l-istess għall-Operaturi Ekonomiċi kollha. Dan se jiddependi fuq it-tip ta' servizzi li dawn jipprovdu fil-moviment internazzjonali tal-oġġetti u huwa marbut mat-tliet dati tal-ħruġ tal-ICS2 (il-15 ta' Marzu 2021, l-1 ta' Marzu 2023, u l-1 ta' Marzu 2024).

Fl-10 ta' Settembru 2019, l-Iżvizzera kkonfermat li se tipparteċipa fis-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (ICS2). Din il-konferma aġixxiet bħala l-iskattatur biex jibdwu diskussjonijiet formali bejn l-UE u l-Iżvizzera, li ppermettew il-parteċipazzjoni tal-pajjiż imsieħeb fil-qafas komuni tal-ICS2, li se jitnieda fil-15 ta' Marzu 2021.

Bħala tali, l-adeżjoni mal-programm tal-ICS2 tinvolve adattamenti tekniċi u finanzjarji fir-rigward tal-Ftehim, u l-aktar partikolarment, emendi li jirriflettu l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali u tal-leġiżlazzjoni tagħha.

3.3. Emendi legali proposti għall-Ftehim fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tal-KDU

Il-bidliet ewlenin introdotti fl-abbozz tal-Ftehim emendat huma bbażati fuq ir-Regolament tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (UE) Nru 952/2013 u l-Atti ta' Implimentazzjoni tiegħu Reg.(UE) 2015/2447 u l-Atti ta' Delega Reg.(UE) 2015/2446. Dawn il-bidliet jallinjaw il-Ftehim emendat mal-aktar leġiżlazzjoni reċenti tal-UE rilevanti għall-miżuri doganali ta' sigurtà, għad-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ (ENS u EXS), għall-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi rilevanti, għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati (AEO), għall-proċess komuni tal-analiżi tar-riskju u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-aktar leġiżlazzjoni reċenti relatata mal-protezzjoni tad-*data* personali.

It-testi legali li ġejjin intużaw bħala l-bażi għall-emendi ewlenin tal-Ftehim:

- ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni:
 - l-Artikolu 46 rigward il-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli doganali;
 - l-Artikolu 127 rigward id-dispożizzjonijiet rilevanti għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul: il-forma u l-kontenut, l-użu ta' sistemi elettroniċi, il-preżentazzjoni u r-rinunzi, it-termini, ir-reġistrazzjoni, il-persuni li jippreżentaw, l-analiżi tar-riskju relatata mas-sigurtà u s-sikurezza, ir-reġistrazzjoni multipla;
 - l-Artikolu 128 rigward l-analiżi tar-riskju;
 - l-Artikolu 6(1), l-Artikoli 12, 16, 46, 47, u l-Artikoli 127 sa 133 jistabbilixxu l-bażi legali għall-iżvilupp u għat-tnedija tal-ICS2;
- **ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019** li jistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;
- **ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446** (kif applikabbli fis-16 ta' Lulju 2020):
 - l-Artikoli 104, 106, 112, 113, 113a rigward id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul;
 - l-Anness B dwar ir-rekwiżiti tad-*data*;
- **ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447** (kif applikabbli fl-20 ta' Lulju 2020):
 - l-Artikolu 24 rigward il-konformità għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati li jissostitwixxi l-Anness II tal-Artikolu 2 eżistenti tal-Ftehim;
 - l-Artikoli 182, 183, 184, 185, 186, 188, 189 rigward id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul;
 - l-Anness B dwar l-istruttura u l-format tad-*data*;

L-aktar emendi reċenti fl-Anness B tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 u fl-Anness B tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 għad

iridu jiġu adottati formalment. Bħala tali, tħalla spazju riżervat fi ħdan l-emenda proposta għal dan il-Ftehim biex jiġu aġġornati n-noti f'qiegħ il-paġna ladarba l-emendi jkunu ġew ippubblikati (ara l-Artikolu 2 tal-Anness I tal-Ftehim emendat).

L-emenda fl-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ġiet adottata mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali tal-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Settembru 2020. Id-data tal-pubblikazzjoni tal-emenda għadha ma ġietx iddeterminata.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt 1/2014¹ u l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru tal-21 ta' Ġunju 1999² li jirregola s-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni b'mod partikolari bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, ġiet proposta eċċezzjoni għat-trasport bl-ajru fit-test tal-Ftehim emendat (l-Artikolu 20 tal-Anness I) dwar it-tressiq ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ.

3.4. Emendi strutturali proposti għall-Ftehim

F'terminu tal-istruttura tal-Ftehim, kien hemm il-ħtieġa li jinqasmu f'żewġ Titoli differenti t-taqsimiet li jkopru d-Dħul (Titolu I) u l-Ħruġ (Titolu IV) tal-oġġetti fl-Anness I dwar id-Dikjarazzjonijiet fil-Qosor tad-Dħul u l-Ħruġ, prinċipalment minħabba d-dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar id-Dikjarazzjonijiet fil-Qosor tad-Dħul (ENS) u l-ICS2.

F'konformità mar-raġunament wara din ir-reviżjoni strutturali tal-Anness I, inħolqu żewġ Titoli ġodda biex ikopru:

- Titolu II: l-Arranġamenti Tekniċi għas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2;
- Titolu III: l-Arranġamenti Finanzjarji għas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2.

3.5. Pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jadotta Deċiżjoni li taqbel mal-emenda fil-Kapitolu III u fl-Annessi tal-Ftehim. Dan isir minn Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt li fiha l-UE tkun parti rrappreżentata jew permezz ta' skambju ta' ittri.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fil-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tiġi stabbilita b'deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni. Bi ftehim reċiproku, il-Ftehim emendat għandu mbagħad jiġi implimentat mill-Partijiet Kontraenti.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera tal-10 ta' Ottubru 2014 li tiddetermina l-każijiet ta' eżenzjoni mit-trasmissjoni tad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tal-Anness I tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà (ĠU L 331, 18.11.2014, p. 38-39)

² ĠU L 114, 30.04.2002, pp. 73-90

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti ġuridiċi.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv jew il-kontenut ewlieni tal-att previst jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emendi proposti relatati mal-emenda fil-Ftehim dwar il-miżuri doganali ta' sigurtà huma bbażati fuq il-prinċipju li l-Iżvizzera se tingħaqad mal-programm tal-ICS2 mill-ewwel hargha tagħha fil-15 ta' Marzu 2021. Aktar ħarġiet se jsejtnu fl-2023 u fl-2024.

Dan iħalli implikazzjonijiet baġitarji għall-Iżvizzera. Id-diżaggregazzjoni tal-kostijiet hija stabbilita fl-Artikolu 17 tal-Anness I u komplet tiġi kkomunikata lill-Iżvizzera permezz ta' dokument informali.

L-Iżvizzera se tikkontribwixxi għal kull hargha tal-ICS2, u b'hekk tħallas miżata fissa għall-kostijiet tal-iżvilupp imġarrba mill-Kummissjoni Ewropea. Għall-Hargha 1, dawn il-kostijiet jammontaw għal EUR 520 000, għall-Hargha 2 EUR 550 000 u għall-Hargha 3 EUR 550 000, u huma bbażati fuq formula ta' allokkazzjoni ta' 4 %.

L-Iżvizzera se tikkontribwixxi wkoll għall-kostijiet operazzjonali mġarrba mill-Kummissjoni Ewropea biex tkopri l-kostijiet annwali għall-ittestjar tal-konformità u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura (hardware, software, hosting, liċenzji, eċċ.), tal-komponenti ċentrali tal-ICS2 u tal-applikazzjonijiet u s-servizzi relatati meħtieġa għat-tħaddim u għall-interkonnnessjoni tagħhom (garanzija tal-kwalità, helpdesk u Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT). Dawn il-kostijiet operazzjonali huma bbażati fuq il-formula ta' allokkazzjoni ta' 4 % iżda mhumieq rata annwali fissa. Bħala tali, l-ispejjeż operazzjonali massimi huma limitati għal EUR 450 000 fis-sena.

6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Minħabba li l-att tal-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera se jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt UE-Żvizzera stabbilit mill-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà fir-rigward tal-emenda fil-Kapitolu III u fl-Annessi I u II tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) il-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009³;
- (2) Skont l-Artikolu 21.2 tal-Ftehim, il-Komitat Konġunt UE-Żvizzera jista' jadotta, permezz tad-deċiżjoni tiegħu, l-emenda fil-Kapitolu III u fl-Annessi tal-Ftehim matul is-sessjoni li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri;
- (3) Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22.4 tal-Ftehim, jekk id-deċiżjoni ma tistax tiġi adottata għal din l-implimentazzjoni simultanja, l-emendi previsti fl-abbozz tad-deċiżjoni mressqa għall-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għandhom jiġu implimentati b'mod proviżorju, fejn possibbli, mill-15 ta' Marzu 2020 f'konformità mal-proċeduri interni tal-Partijiet Kontraenti. Din l-għażla tad-data tikkoinċidi mal-ewwel Ħarġa tas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2, li l-Iżvizzera qablet li tipparteċipa fiha.
- (4) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt, minħabba li l-emenda se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Komitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

³ ĠU L 199, 31.07.2009, p. 24

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President